# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju 2016**

**Rikors Numru : 1056/2015 JPG**
**Kawza Numru : 17**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**VS**

**Khaled Shehata (detentur tal-karta ta' l-identita numru 330298(M)) u Anna Shehata (detentriċi tal-karta ta' l-identita numru 745261(M))**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc tad-9 ta' Novembru 2015, li jaqra hekk:

1. *"Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mario Rosario Bonello tas-sitta ta' Settembru 2011, (kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "**A**") il-bank rikorrenti kkonċeda faċilitajiet bankarji lil Khaled Shehata bħala d-debitur prinċipali filwaqt li Anna Shehata dehret fuq il-*

*kuntratt bħala garanti solidali ma' l-istess Khaled Shehata u dan għall-ammont massimu ta' €165,000;*

2. *Minn din il-faċilita, ġiet utilizzata s-somma sħiħa ta' mija u ħamsa u sittin elf Ewro (€165,000). Madankollu l-ħlas tal-pagamenti mensili li kellhom isiru ma' ssoktawx b'mod regulari sa ma fl-aħħar ma sar ebda ħlas wara Marzu 2014 u dan kif jirriżulta minn żewġ statements hawn annessi u mmarkati rispettivament Dokument "**B**" u "**C**";*

3. *L-ammont misluf ġie maqsum fuq żewġ kontijiet stante li l-garanti Anna Shehata kienet impjegata mal-Bank rikorrent u għaldaqstant kienet tgawdi minn rata ta' imgħax preferenzjali sa somma limitata u dan kif jirriżulta minn Dokument "**B**" (anness mar-rikors);*

4. *Il-bank rikorrenti interpella lill-intimati Khaled Shehata biex iħallas u dan anke b'ittra uffiċjali numru 1442/13 (kopja annessa u mmarkata Dokument "**D**"), u lil Anna Shehata permezz ta' ittra bonarja tal-31 ta' Awwissu 2015 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument "**E**"). Madankollu dawn baqgħu inadempjenti;*

5. *Illum il-bank rikorrent jinsab kreditur ta' l-intimati fit-total ta' mija u tmienja u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€178,561.21)composti kif ser jingħad:*

   a. *Sebgħa u tletin elf, sitt mija u tnejn u sittin Ewro (€37,662)fir-rigward tal-kont bin-numru 14189076 (dokument "**C**" anness mar-rikors) minn liema tnejn u tletin elf, tmien mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€32,868.28) jirrappreżentaw il-kapital dovut u erbat elef, seba' mija u tlieta u disgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€4,793.72) rappreżentanti imgħax sad-19 ta' Jannar 2015 u maħduma b'imgħax sempliċi;*

b. *Mija u erbgħin elf, tmien mija u disgħa u disgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€140,899.21) fir-rigward tal-kont bin-numru 27022218 (dokument "**B**" anness mar-rikors) minn liema mija u tlieta u għoxrin elf, u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€123,032.54) jirrappreżentaw il-kapital dovut u sbatax –il elf, tmien mija u sitta u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€17,866.67) rappreżentanti imgħax sad-19 ta' Jannar 2015 u maħduma b'imgħax sempliċi;*

6. *Minkejja diversi talbiet għall-ħlas u diversi wegħdiet li l-ħlas sejjer isir, sal-lum il-ħlas baqa' ma sarx;*

7. *Il-bank rikorrent jibbaża t-talba tiegħu fil-konfront ta' Khaled u Anna Shehata u dan abbażi ta' self lil Khaled Shehata bħala debitur prinċipali u Anna Shehata bħala garanti solidali;*

8. *L-ammont ta' EUR178,561.21 huwa wieħed ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt;*

9. *Fil-fehma tal-bank rikorrent, u skond sa fejn jaf l-istess bank, Khaled Shehata u Anna Shehata m'għandhomx eċċezzjonijiet x'iressqu għal din it-talba u għaldaqstant il-ħlas huwa dovut;*

10. *Għaldaqstant, jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

a. *Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-bank rikorrenti b'dispenza għas-smiegħ tal-kawża ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta' mija u tmienja u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€178,561.21) flimkien ma' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena sa mill-20 ta' Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv;*

c. *Tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-bank rikorrent is-somma ta' mija u tmienja u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€178,561.21) flimkien ma l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena sa mill-20 ta' Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

11. *Bl-ispejjeż kontra Khaled Shehata u Anna Shehata li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-14 ta' Marzu 2016, tal-konvenuti li permezz taghha **ammettew it-talbiet attrici;**

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

In vista tan-nota ta' ammissjoni tal-intimati datata 14 ta' Marzu 2016, prezentata mid-difensur legali tal-intimati, l-Qorti tqis illi talbiet tas-socjeta rikorrenti huma fondati u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti, tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-socjeta rikorrent fis-somma ta' mija u tmienja u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€178,561.21) u konsegwentement tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-socjeta rikorrent

is-somma ta' mija u tmienja u sebgħin elf, ħames mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€178,561.21), flimkien ma l-imgħax legali dekorribli mill-20 ta' Jannar 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**